**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 15 ta' Mejju, 2017**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 189/2011**

**Redent Briffa u martu Jacqueline Briffa**

**vs**

**Etienne Brincat u**
**b'digriet tal-5 ta' Marzu 2012**
**giet intervenuta in statu et termininis is-socjeta**
**Fogg Insurance Agencies Limted ghan-nom u in rapprezentanza**
**tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-24 ta' Frar, 2011 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti konjugi Briffa huma proprjetarji flimkien u indivizament bejniethom ta' vettura tat-tip Seat Ibiza, bin-numru ta' registrazzjoni ELT 226.

2. Illi fl-4 ta' Mejju 2008, ghall-habta tal-4.45am, waqt u l-esponent Redent Briffa kien qed isuq din il-vettura fi Triq Wied il-Ghajn, Haz-Zabbar, fid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar, u l-intimat, Etienne Brincat kien qed isuq trakk tat-tip Kia Ceres, bin-numru ta' registrazzjoni BAP 312, hiereg b'lura minn sqaq li jaghti fl-istess triq, l-istess Etienne Brincat b'negligenza, traskuragni, imperizja, nuqqas ta' hsieb u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku baqa' diehel b'lura fil-vettura msemmija tal-esponenti u kkagunalhom danni estensivi fl-istess vettura.

3. Illi dawn id-danni jammontaw b'kollox ghal madwar hmistax-il elf, mija u erbghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€15,140.93), u dan kif ser jigi pruvat fil-kors ta' din il-kawza.

4. Illi minkejja li l-esponenti interpellaw, anke ufficjalment, lill-intimat Etienne Brincat sabiex jersaq ghall-hlas tad-danni kollha likwidati skond il-ligi, huwa baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza, prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tirrizulta mehtiega, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

(i) tiddikjara u tiddeciedi illi l-incident awtomobilistiku fuq imsemmi li sehh fl-4 ta' Mejju 2008, ghall-habta tal-4.45am, fi Triq Wied il-Ghajn, Haz-Zabbar, gara unikament bi htijiet tal-intimat Etienne Brincat, u li konsegwentement l-istess intimat ghandu jaghmel tajjeb wahdu ghad-danni kollha sofferti mill-esponenti b'rizultat tal-istess;

(ii) tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' hmistax-il elf, mija u erbghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€15,140.93), jew somma ohra verjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi;

(iii) tikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti s-somma shiha hekk likwidata u dovuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali tat-23 ta' Mejju 2008 u tal-31 ta' Awwissu 2009, u tal-ittri ufficjali tat-3 ta' April 2009 u tal-15 ta' Frar 2010, u bl-imghax legali kontra l-intimat li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-intervenut fil-kawza li tghid hekk:

1. Illi fis-sena 2008, is-socjeta eccipjenti harget polza ta' assigurazzjoni tat-tip Third Party Only favur il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAP 312, proprjeta tal-konvenut Etienne Brincat;

2. Illi l-konvenut Etienne Brincat ressaq claim mas-socjeta eccipjenti dwar incident awtomobilistiku illi allegatament sehh nhar l-4 ta' Mejju 2008 gewwa Triq Wied il-Ghajn, Zabbar bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ELT 226 proprjeta tal-atturi u allegatament misjuqa mill-attur Redent Briffa fil-hin tal-akkadut, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAP 312 proprjeta tal-istess konvenut Etienne Brincat;

3. Illi minn ricerka illi ghamlet is-socjeta eccipjenti, jirrizulta illi tul is-snin, l-attur Redent Briffa ressaq diversi claims suspettuzi in konnessjoni ma' incidenti illi huwa kien allegatament involut fihom u illi f'Jannar 1998, l-istess attur kien instab hati talli ressaq claim frawdolenti in konnessjoni ma' allegat serq, u dana a pregudizzju tal-assiguratur koncernat f'dak il-kaz;

4. Illi inoltre mill-analizi ta' dan il-kaz u l-provi cirkostanzjali kollha, is-socjeta eccipjenti ghandha ragunijiet validi sabiex tikkonkludi u tinsisti illi l-claim imressaq lilha mill-konvenut Etienne Brincat in konnessjoni ma' dan il-kaz, huwa wiehed fabbrikat frawdolentement b'komplicita bejn l-atturi u l-konvenut Etienne Brincat, jew min minnhom, u dana kif ser jigi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi u l-konvenut Etienne Brincat jew min minnhom;

6. Illi s-socjeta eccipjenti giet notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk, teoretikament, tista' tigi obbligata illi teffettwa l-indennizz pretiz mill-atturi ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u kwindi sar il-prezenti intervent fejn qieghed jintalab illi jigi dikjarat illi, in vista tal-frodi f'dan il-kaz, is-socjeta eccipjenti bhala assiguratur koncernat, ma ghandhiex tkun obbligata illi teffettwa l-indennizz pretiz mill-atturi ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li l-konvenut Etienne Brincat baqa' kontumaci;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi azzjoni ghal risarciment ta' danni mgarrba mill-attur konsegwenza ta' incident awtomobolistiku li sehh fi Triq Wied il-Ghajn fl-inhawi ta' Haz-Zabbar fl-4 ta' Mejju 2008 ghal-habta tal-4.45am. L-attur jikkontendi illi r-responsabilta ghall-incident ghandu jassumieh il-konvenut li tort tieghu sehhet il-habta u konsegwentement ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni. Il-konvenut ma rrispondiex ghal kawza u anqas ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet. Dan ma jfissirx illi l-konvenut qed jammetti r-responsabilta ghall-incident u l-konsegwenti hsara sofferta mill-attur. Il-kontumacja ma tfissirx ammissjoni izda bil-kontra cioe n-nuqqas ta' ammissjoni.

Is-socjeta assikuratrici tal-konvenut ghandha interess dirett f'din l-azzjoni minhabba l-piz li ggorr skond il-ligi biex taghmel tajjeb ghal hsara kemm-il darba jkun hemm gudizzju kontra l-assikurat taghha. Hi qed issostni illi ma ghandhiex taghmel tajjeb ghal ebda hsara sofferta mill-attur billi qed tirrifjuta taghraf dan l-incident awtomobolistiku bhala wiehed genwin u ghalhekk qed titfa' dubju fuq l-allegazzjonijiet attrici.

**Fatti**

Il-fatti li huma important hafna f'din il-kawza ghal prova li hi mistennija li tingieb mill-partijiet ser jigu rikapitulati b'mod kronologiku kif saru ghal fini ta' ezatezza.

L-attur jixhed li kien isuq fit-Triq Wied il-Ghajn l-antika sejjer lejn Haz-Zabbar. Hu joqghod Wied il-Ghajn u kien sejjer il-Fgura jigbor vann u karru ghax jarma l-Monti, kien isuq bi speed normali fl-4.30am jew 4.45am. Ma kinitx xita u ma kellux vetturi quddiemu u warajh. Hin minnhom hareg trakk Isuzu bl-lura minn sqaq fuq il-lemin tieghu tat-triq fejn kien hemm xi knaten u tankijiet. It-trakk kien mghobbi bil-gebel u terrapien. Wara l-incident is-sewwieq l-iehor qallu li kienu marrulu l-brejks. Xi gimgha wara baghtu ghalih il-pulizija ghax gie allegat li l-incident kien fabbrikat. Hu nnega dan u anki s-sewwieq l-iehor. L-attur xehed li ma kienx jafu qabel lil konvenut cioe s-sewwieq l-iehor.

Il-warden Christopher Cutajar xehed li sab il-vetturi kif jidhru fir-ritratti esebit minnu (fol. 44 et seq. tal-process). Hu kiteb dak li qalulu d-drivers. Il-konvenut qallu li kien ghat-telgha, qabizlu l-gear u baqa sejjer b'lura. Zied li hemm hafna sqaqien f'dik l-akkwata li jaghtu ghal Triq Wied il-Ghajn u kien indikah bl-isem.

Simon Paris, claims manager tas-socjeta assikuraturici Fogg, li kienet tkopri lil-konvenut b'polza ta' assikurazzjoni xehed illi wara li l-klijent taghhom dahhal il-claim, ircevew telefonata minghand l-assikurazzjoni tal-attur fejn qalulhom joqoghdu attenti ghax fil-passat kellu claims frawdolenti. Wara li ra r-rapport tal-warden u r-ritratti giehom suspett fuq id-danni meta tqis in-natura tal-incident. Xehed li kien hemm wisq daqqiet fuq il-karozza tal-attur li dehru inkompatibbli man-natura tal-habta. Qal li kien hemm wisq trab, id-daqqiet fuq in-naha tax-xellug tal-vetturi fejn lanqas kien hemm hajt fuq dik in-naha, il-gebel li allegatament taru fuq il-vettura tal-attur mit-trakk tal-konvenut kif ukoll li l-vettura tal-attur kienet bla batterija meta ra s-surveyor. Is-surveyor innota li kien hemm daqqiet fuq kull kantuniera tal-vettura tal-attur. Kellem ukoll lil Patrick Muscat, claims manager ta' Middlesea Insurance li qallu li l-attur kellu xi tlett claims maghhom fejn qal li kien ipparkjat u laqtulu l-vettura. Il-vetturi kienu BMW u Peugeot. Huma indagaw u sabu li l-attur gie akkuzat ukoll b'home insurance

fraud fl-1998 fuq serq ta' xi Lm6,000. L-assikurazzjoni Fogg ghamlet ukoll rapport lil fraud squad pero l-pulizija ma sabux provi ta' frodi.

Wara din ix-xiehda rega' xehed l-attur u qal li hu gie risarcit tal-claims li kellu fuq il-Peugeot u l-BMW. In kwantu ghal kaz mertu tla-kawza hu zied li l-vettura ittiehdet ghand il-panel beater dakinhar stess tal-incident u halliha barra ghax kien il-Hadd. Zied li l-vettura kellha batterija tajba meta habat pero jaf li jew il-konvenut jew xi hadd iehor gibduha biex il-karozza ma ggarabx hruq minn short ciruit. Il-panel beater jismu Raymond minn Hal Luqa u gieli nqeda bih meta kellu bzonn. Meta baghtu ghalih il-pulizija xi jumejn wara, il-vettura ttiehdet minnhom f'depot tal-pulizija u damet hemm xi sena sakemm irrilaxxawha. Hu zamm il-vettura fil-garaxx tieghu.

Il-claims manager ta' Fogg, Simon Paris ghamel affidavit fejn spjega ahjar l-inkonsistenza fil-verzjoni tal-habta. Hu jixhed li meta l-konvenut mar l-assikurazzjoni fis-7 ta' Mejju 2008 biex jaghmel il-claim hu qal li kien qed jirriversja u baqa' diehel fil-vettura tal-attur (ara claim form fol. 96 tal-process), mentri fir-rapport tal-warden jinghad li kien tiela' it-telgha, qabizlu l-gear u l-vettura marret lura. Is-socjeta Fogg issostni li sehh kif sehh l-incident il-hsara kbira tindika daqqa tremenda li mhux konsistenti ma' reversing izda sewqan b'sahha fuq il-vettura tal-attur. In oltre s-surveyor jindika hsara estensiva minn nofs ghan-naha tax-xellug tal-bumper ta' quddiem li jestendi ghal genb kollu tax-xelluq sa wara nett tal-genb tax-xellug sa taht il-fanal ta' wara. Anki jekk ghal grazzja tal-argument, bid-daqqa, il-vettura tal-attur laqtet il-hajt fuq ix-xellug, dan l-impatt kien wiehed sekondarju u mhux kompatibbli mal-hsarat estensivi riskontrati, u dan jindika li din il-hsara fuq ix-xellug giet kawzata f'incident iehor. In oltre mir-ritratti tal-warden jdiher hmieg maghqud fuq il-windscreen li zgur ma tistax issuq bih f'dak il-hin bikri ta' fil-ghodu. Ma' dan jinghad li l-vettura tal-attur kienet assikurata biss third party, fire and theft. Ir-rapport tas-surveyor, oltre l-hsarat fuq ix-xellug jindika wkoll hsara fic-chassis li zgur ma setghax sehhet f'dan l-incident ghax il-hsara fic-chassis kienet fix-xellug mentri d-daqqa hadha fuq il-lemin (ara fol. 87 fejn hemm is-survey report ta' Alfred Farrugia li sar fit-12 ta' Mejju 2008). In kwantu ghal batterija l-attur ma gharafx jindika min nehhiha. B'referenza ghal habtiet precedent tal-attur irrizulta illi terzi kienu ghamlu kawza kontra l-attur dwar incident awtomobolistiku fejn l-attur odjern baqa' kontumaci u ntrebhet il-kawza (ara

sentenza tal-4 ta' April 2005 a fol. 207 tal-process). F'incident iehor fil-21 ta' Jannar 2007 trakk dahal fil-vettura parkeggjata tal-attur u gie risarcit ghad-danni. Ix-xhud jissottometti li hemm somiljanza kbira bejn dan l-incident u dan mertu ta' din il-kawza u in oltre s-sewwieqa li dahlu fil-vettura tal-attur kienu t-tnejn impjegati tal-istess ditta cioe Polidano Brothers. In oltre l-istess attur kien involut f'incident iehor fl-1998 ma' certu Anthony Borg li kellu passat ta' vjolazzjoni ta' ligi li ma ddikjarax lil assikurazzjoni tieghu u fejn l-assikurazzjoni ghamlitlu kawza biex tannulla l-polza li kellha ma' Anthony Borg liema kawza giet deciza favur l-assikurazzjoni b'sentenza tat-18 ta' Mejju 2012 (ara fol. 211 et seq. tal-process).

Is-surveyor Alfred Farrugia xehed u kkonferma s-survey u r-ritratti li ha li qeghdin a fol. 87 et seq. tal-process. Hu kkonferma li l-vettura tal-attur kellha hsarat fil-genb tal-lemin u tax-xellug, fuq quddiem in-naha tax-xellug kif ukoll ic-chassis fuq in-naha tax-xellug. Anki fuq wara kien hemm xi hsara u hsara izghar fuq is-saqaf. Ir-ritratti tal-warden juru hafna anqas hsara milli irriskontra hu meta spezjona l-vettura, u ha ritratti tal-hsara n-naha tax-xellug.

L-attur sarlu kontroezami fejn xehed li kellu xi ghaxar incidenti. Hu ammetta li ghamel rapport falz ta' serq mid-dar u resquh il-pulizija. Din ghamilha ghax kien ghaddej minn separazzjoni personali u ma riedx jaghti xejn lil martu.

L-ispettur Robert Sarreo pprezenta disa' rapport tal-pulizija li fihom kien involut l-attur. Fost dawn ir-rapporti hemm rapport wiehed tal-11 ta' Marzu 2011 fejn il-vettura tal-attur hadet in-nar u nqerdet. F'dan l-incident jirrizulta li waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu bdiet iddahhan u ftit wara hadet in-nar.

Xehed Noel Schembri, amministratur tal-Agenzija tal-Gwardjani Lokali Sterling Security li esebixxa diversi rapport tal-wardens ta' incidenti awtomobolistici li fihom kien involvut l-attur, a fol. 316 et seq. tal-process. Dawn sehhew fil-15 ta' Ottubru 2005, 30 ta' Jannar 2006, 10 ta' Mejju 2006, 21 ta' Mejju 2007 (gia msemmi fix-xiehda ta' Simon Paris), 17 ta' Novembru 2007, 29 ta' Dicembru 2007, 4 ta' Mejju 2008 (l-incident mertu ta' din il-kawza), 3 ta' Frar 2010, 19 ta' Frar 2010, 11 ta' Novembru 2010, 22 ta' April 2012.

Adrian Galea, direttur generali tal-Malta Insurance Association esebixxa r-rapport tal-wardens kollha li sabu in konnessjoni ma' vetturi registrati f'isem l-attur. Hu xehed dwar erbgha u ghoxrin vettura u li dwarhom sab 38 rapport ghalkemm uhud mir-rapporti ma nstabux u ghalhekk ma gewx esebiti. Mir-rapporti esebiti l-Qorti qieset li l-attur kien is-sewwieq involvut fl-incidenti li rrefera ghalihom ix-xhud Noel Schembri mentri fl-ohrajn kollha ma kienx is-sewwieq.

Dr Elizabeth Quintano, assistant Registratur tal-Qrati Kriminali xehdet illi ma sabet ebda kumpilazzjoni kriminali kontra l-attur, izda sabu zewg kawzi kontra ibnu Etienne, wahda deciza fit-13 ta' Novembru 2006 fejn ammetta serq u ohra tal-11 ta' Novembru 2011 fejn instab hati ta' ricettazzjoni ta' partijiet minn vettura.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Alexander Caruana vs Atlas Insurance PCC Ltd** deciza fis-16 ta' Dicembru 2015 (li bhalissa tinsab appellate) il-Qorti qalet hekk fuq il-kuntratt ta' assikurazzjoni bejn socjeta assikuratrici u l-assikurat taghha:

> l-kuntratt tal-assikurazzjoni huwa wiehed alejatorju, fejn il-qligh jew it-telf ghaz-zewg partijiet, jew wahda minnhom, huwa maghmul jiddependi minn grajja li mhijiex zgura (art. 964 tal-Kap. 16) . Din il-grajja li mhix certa tikkostitwixxi l-aspett tar-riskju assikurat, li huwa element ewlieni tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, ghaliex jikkonsisti fil-possibilita ta' grajja li ggib maghha telf ekonomiku lil min igarrabha u li dwarha dik il-persuna tkun assikurat ruhha bil-hlas tal-premium u l-hrug tal-polza ... Din tiehu s-sura ta' obbligazzjoni kazwali li tiddependi minn grajja ta' bla hsieb li ma tkunx fis-setgha la tad-debitur u lanqas tal-kreditur (art. 1053(1) tal-Kap. 16). Illi f'cirkostanzi normali u taht ir-regola generali, meta ssehh dik il-grajja jitnissel l-obbligu tal-assikuratur li jaghmel tajjeb ghat-telf imgarrab mill-assikurat. Sakemm ma johroġx li l-assikurat kellu sehem f'dik il-grajja jew iffacilita li ssehh, l-assikuratur huwa mistenni li jhallas l-indennizz miftiehem;

F'dan il-kaz pero s-socjeta assikuratrici qed tipprova tezimi ruhha minn kull obbligu skond il-ligi (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta) li taghmel tajjeb ghall-assikurat taghha ghal hsara allegatament kommessa fil-konfront tal-attur billi qed tallega l-mala fede tal-attur u implicitament tal-assikurat taghha ghad-dinamika tal-incident u l-konsegwenti hsara rizultanti.

Bhal kull kawza fejn qed jigi allegat dannu extra kontrattwali da parti ta' terzi, l-attur jrid jipprova fuq bazi ta' probabilita izda mhix assolutezza ta' kredibilita li hu kien involut f'incident awtomobolistiku u sofra hsara, liema hsara hi l-effet dirett tal-incident u li ghal liema incident ma kellu ebda htija kolpuza. Mill-banda l-ohra jinkombi fuq il-kumpanija assikuratrici illi tipprova illi l-incident jekk sehh kif ukoll il-hsara konsegwenti kien frott ghemil qarrieqi tal-attur biex jiggwadanja vantagg mhux misthoqq, u ghalhekk it-talba tal-attur taqa'. Il-Qorti tqis illi fil-kamp civili l-oneru tal-prova kemm fuq l-attur u kemm fuq il-konvenut, jew f'dan il-kaz l-intervenut, ghandu jkun l-istess, cioe il-bazi ta' probabilita li verzjoni hi aktar verosimili jew probabbli minn ohra. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino C.B.E. ne** (25/02/1952):

> Hu elementari fl-amministrazzjni tal-gustizzja l-principju hekk enuncjat mill-Powell "On Evidence" p. 487 – "In the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive 'probabilities'. The tribunal must not look for more than what is called "a moral certainty"; it should not act on a mere possibility. But a large field lies between these two extremes. The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical man; and such conviction must be based upon the facts proved by express evidence and on the inferences which naturally and 'probably' arise from them ... There is a difference in the degree of proof required in civil and criminal cases; for civil cases may be decided on a preponderance of "probability", but in criminal cases the guilt of the prisoner must be established beyond reasonable doubt.

Fil-kaz in kwistjoni l-piz tal-prova hu mixhut fuq min jafferma l-fatt. L-attur jehtieglu jipprova li l-vettura tieghu sofriet hsara fl-incident, htija unika tal-konvenut. Is-socjeta intervenuta assikuratrici tal-konvenut jehtigilha tipprva li l-incident ma kienx wiehed accidentali izda r-rizultat ta' pjan frawdolenti u qarrieqi intiz biex tigi defrawdata l-istess socjeta biex taghmel tajjeb ghal hsara qua assikuratrici tal-konvenut. Ovvjament kif jitlob l-artikolu 981(1) tal-Kap. 16 l-eghmil doluz mhux prezunt izda jrid jigi ppruvat kif del resto l-attur jrid jipprova li sehh l-incident u sofra hsara bi htija tal-konvenut.

Sta ghal Qorti biex mil-fatti stabbiliti u accertati kif ukoll prezunzjonijiet u indizji serji, precizi u kontrastanti tasal ghal dik ic-certezza morali li dan ma kienx semplici incident stradali izda mensa in scena biex l-attur jiehu vantagg mhux misthoqq a skapitu tal-assikurazzjoni konvenuta.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Emanuel Ciantar vs Davis Curmi noe**, (PA 28/04/2003)

> Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.

Fl-istess sens area **Anthony Baldacchino vs Gasan Mamo Insurance Agency Limited** (PA 09/04/2015).

Il-Qorti tqis illi pero trid taghmel distinzjoni bejn dak li jehtieglu jipprova l-attur cioe n-negligenza tal-konvenut u dak li jehtieglu jipprova l-intervenut assikuratrici cioe l-frodi. Ma hemmx bdil fil-grad tal-prova rikjesta mill-partijiet cioe l-bilanc ta’ probabilita izda hu a propozitu kliem Lord Denning fil-kawza **Hornal v Neuberger Products Limited** (1957) 1 QB 247:

> A civil court, when considering a charge of fraud, will naturally require for itself a higher degree of probability than that which it would require when asking if negligence is established. It does not adopt so high a degree as a criminal court, even when it is considering a charge of a criminal nature; but still it does require a degree of probability which is commensurate with the occasion.

**Applikazzjoni tal-ligi mal-fatti**

Kunsidrati dawn il-principji legali l-Qorti tqis illi l-attur irid jipprova li sehhet habta u li din il-habta sehhet bi htija tal-konvenut u stabbilit dan, id-danni sofferti huma r-rizultat dirett tal-habta. Ix-xiehda tal-attur abbinata mar-rapport tal-warden li mar fuq il-lok tal-incident xi kwarta wara li nghata hjiel tal-habta juru lil Qorti illi l-attur kien qieghed fuq in-naha tieghu ta’ triq fi Triq Wied il-Ghajn sejjer fid-direzzjoni ta’ Haz-Zabbar meta mill-lemin tieghu hareg trakk b’lura minn sqaq li jaghti ghal fuq l-istess triq u baqa’ diehel fil-genb tal-lemin tieghu. L-istqarrija a tempo vergine tal-konvenut hi fis-sens li marlu l-gear u billi l-isqaq fejn kien isuq kien ghat-telgha, hu rriversja lura u baqa’ hiereg fit-triq u fuq il-vettura tal-attur. Il-hsara fuq il-lemin tal-vettura tal-attur hi

riflessa fil-pozizzjoni tal-vettura kif sabhom il-warden. L-attur izid illi mal-habta, waqghu xi gebel fuq il-vettura mit-trakk li kien mghobbi bil-gebel u terrapien. In oltre bid-daqqa l-vettura tal-attur giet imkaxkra mal-hajt li kien hemm fuq ix-xellug tat-triq u kkawzat hsara anki fuq ix-xellug tal-vettura. Ir-ritratti li ha s-surveyor tas-socjeta assikuratrici tal-konvenut a fol. 88 et seq. tal-process juru hsara qawwija fuq iz-zewg gnub tal-vettura u fuq il-kantuniera ta' quddiem tax-xellug tal-istess vettura. Fir-ritratti tal-warden (ara fol. 83 tal-process) jidhru knaten ezatt quddiem il-vettura n-naha ta' quddiem tax-xellug.

Hi l-fehma tal-Qorti illi tenut kont tal-istqarrijiet li saru mill-partijiet a tempo vergine, in-natura tal-hsara meta tqis li l-habta mal-vettura tal-attur saret minn trakk mghobbi li kien gej b'lura wara li nizel b'lura minn sqaq fuq il-lemin tat-triq mnejn kien gej l-attur, hu ragonevoli jigi dedott li l-incident sehh bi htija tal-konvenut u ghandu jirrispondi ghal hsara kollha sofferta mill-attur kagun tal-incident. Ma hemm ebda prova li turi li l-konvenut ma kienx responsabbli ghall-incident. Il-fatti per se ta' lok, hin, pozizzjoni tal-vettura u dinamika tal-incident jaghtu konvinciment lil Qorti li l-habta probabilment sehhet kif allegata mill-attur u l-hsara hi l-konsegwenza tal-impatt soffert.

Is-socjeta assikuratrici tal-konvenut mhix tichad li sehhet din il-habta. Il-kontenzjoni taghha hi li din il-habta kienet wahda li sehhet b'kolluzjoni bejn il-partijiet biex l-attur jibbenefika minn risarciment mhux misthoqq. Is-socjeta assikuratrici taghmel diversi allegazzjonijiet u tressaq provi li fil-fehma taghha jwasslu ghal konvinciment tal-Qorti bazat fuq probabilta illi dan l-incident kien wiehed miftiehem b'ingann u qerq fil-konfront ta' min fl-ahhar mill-ahhar hu obbligat ghar-risarciment, cioe s-socjeta assikuratrici Fogg. Din il-Qorti pero ma ssibx fil-provi mressqa mis-socjeta assikuratrici dak il-konvinciment rikjest fuq bazi ta' bilanc ta' probabilta li l-habta kienet wahda maghmula jew fabbrikata b'qerq.

Jibda biex jinghad illi s-socjeta Fogg tallega li n-natura tal-hsara kienet tant qawwija li l-impatt mit-trakk kien jindika li kien qed isuq b'velocita elevata mhux kompatibbli ma' trakk li qabizlu l-gear u regga' b'lura ghal fuq vettura. Din l-allegazzjoni pero ma ssibx sostenn fil-provi. Hu minnu li l-hsara fil-vettura tal-attur hi kbira pero wiehed irid iqis li l-habta sehhet minn trakk tal-gebel mghobbi niezel b'lura bla kontroll effettiv ghal fuq

l-istess vettura tal-attur li hadet il-genb kollu tal-lemin bil-momentum u l-piz ta’ trakk bhal dak li kien isuq il-konvenut. Is-socjeta assikuratrici ma gabet ebda prova ta’ dak l-allegat la minn xi prova esperta u wisq anqas mill-fatti li jirrizultaw. Ma ngiebet ebda prova mill-assikurazzjoni li t-trakk tal-assikurat taghha ma kienx difettuz kif stqarr l-istess konvenut haga li setghet taghmel facilment b’survey fu it-trakk tal-assikurat taghha, u xiehda esperta fejn anki jekk irrizulta difett fil-gear, dan xorta ma kellux impediment biex izomm it-trakk fuq il-brakes. Lanqas ma ngiebet prova konvincenti mis-socjeta assikuratrici li l-hsarat ma kienx ir-rizultat dirett tal-habta. Is-socjeta assikuratrici tallega li l-hsarat fuq ix-xellug specjalment fuq quddiem in-naha tax-xellug ma kienux kompatibbli mal-habta. Il-Qorti tqis li hi verosimili x-xiehda tal-attur li bl-impatt shih fuq il-lemin tal-vettura tieghu hu gie mkaxkar fil-hajt fuq ix-xellug tieghu li fil-fatt jidher mir-ritratti tal-warden. Il-hsara fuq quddiem fil-kantuniera tax-xellug hi kompatibbli mal-knaten li setghu taru minn fuq it-trakk jew waqghu mil-hajt fuq il-xellug tal-vettura u ghatnu l-kantuniera tax-xellug tal-vettura tal-attur. Bl-istess mod hu spjegabbli t-trab li jidher mal-windscreen ta’ quddiem li hu rizultat ta’ terrapien u debris tal-gebel li tar mal-habta. Fil-fatt dan it-trab ma jidhirx fuq il-windscreen ta’ wara tal-vettur fejn il-hsara hi ferm anqas minn quddiem (ara ritratt a fol. 85 tal-process). Is-socjeta assikuratrici ma gabitx prova li l-konvenut ma hux qed jghid il-verita meta qal li kien ghat-telgha fl-isqaq. Ghalkemm hu oskur ghaliex il-konvenut kien isuq trakk fi sqaq qalb l-ghelieqi fis-sighat bikrin ta’ fil-ghodu nhar ta’ Hadd, din wahedha mhix bizzejjed biex tipprova qerq.

Is-socjeta assikuratrici tqajjem zewg dubji rigward il-hsara tac-chassis fuq in-naha tax-xellug tal-vettura tal-attur u l-batterija li allegatament tnehhiet wara l-habta. Tikkontendi illi l-hsara fic-chassis tindika li l-karozza sofriet xi hsara precedenti ghax il-habta sehhet fuq il-lemin tal-vettura. Is-surveyor tas-socjeta assikuratrici ma jaghtix opinjoni esperta dwar dan. Hu minnu li din il-hsara tirrizulta izda daqstant iehor mhux eskluz li din il-hsara sehhet mal-impatt li l-vettura kellha mal-hajt tax-xellug tenut kont tal-hsara fuq ix-xellug tal-vettura. Ma hemm ebda prova teknika esperta li kien jinkombi fuq is-socjeta Fogg biex taghmilha li teskludi tezi minn ohra. In kwantu ghal batterija ma hemmx prova li din fil-fatt ma tnehhietx wara l-incident imhabba biza ta’ xi short circuit. Ma hemmx prova li l-vettura giet irmonkata fuq il-lok tal-incident bla batterija biex it-trakk jirriversja ghal fuqha. Bl-istess mod id-dubji li s-socjeta titfa’ fuq

in-nuqqas tal-attur li ma spjegax ezatt min nehha l-batterija jew li ma ftakarx kunjom tal-panel beater li ghandu l-attur ha l-karrozza ma jfissirx kolluzzjoni jew qerq. Del resto s-surveyor prezumibilment ra l-vettura ghand il-panel beater fejn ittiehdet il-vettura.

L-assikurazzjoni tpoggi dubju fuq il-verzjoni tal-assikurat taghha billi ssostni li fil-claim form li mela (fo. 97 tal-process) fid-deskrizzjoni tal-incident hemm miktub biss 'reversing'. Fil-fehma tal-Qorti dan ma jurix diskrepanza ma' dak li qal lil warden ghax fil-fatt kien qed iregga' lura. Kull ma jirrizulta hu li d-deskrizzjoni tal-incident fil-claim form hi aktar xotta.

L-assikurazzjoni, fin-nota ta' sottomissjoniiet titfa' dubju dwar il-mottiv tal-assikurat li jkun qed isuq trakk bil-gebel fil-5.00 ta' fil-ghodu fi triq il-boghod mid-dar tieghu b'mijiet ta' metri. Din is-sottomissjoni hi biss ipotesi u ma hemmx prova li fil-fatt ma kienx qieghed fil-lok fejn sehh l-incident meta sehh l-incident.

Is-socjeta assikuraturici taghmel allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' kredibilita tal-attur uggib prova li l-attur kien involut f'diversi incidenti awtomobolistici bejn l-2005 u l-2012. Fil-fatt mix-xiehda ta' Noel Schembri jirrizulta li kien involut fi hdax-il incident fosthom dan in kwistjoni. F'incident minnhom l-incident kien simili ghal dan in kwistjoni ghax dahal trakk go fih waqt li kien wieqaf. Saret prova wkoll li l-attur kellu hafna karozzi registrati f'ismu u li saru 38 rapport ta' incidenti kif jirrizulta mix-xiehda ta' Adrian Galea, direttur generali ta' Malta Insurance Association. Pero minn dawn ir-rapporti jirrizulta biss li kien is-sewwieq fi hdax-il incident kif xehed Noel Schembri. F'dawn l-incident kien hemm uhud li kien il-parti li soffriet il-hsara u ohrajn li kkaguna l-hsara. L-ispettur Sarreo xehed li kien hemm rapport wiehed, fl-2011 fejn l-attur inharqitlu l-karozza fit-triq. Din il-prova turi sewqan negligenti jew imprudenti da parti tal-attur jew attegjament nonkurranti da parti tal-istess attur izda ma tippruvax frodi. Del resto f'ebda kaz minn dan ma saret xi investigazzjoni dwar allegat operat kriminali tal-attur. In konnessjoni mal-kawza prezenti saret investigazzjoni fuq talba tal-assikurazzjoni Fogg pero l-pulizija temmew l-investigazzjoni bla ma sabu hjiel ta' nuqqas passibli kriminalment (ara ittra tal-pulizija lil assikurazzjni fol. 13 tal-process datata 8 ta' Ottubru 2009).

Is-socjeta asskuratrici tghid li l-assikurazzjoni tal-attur stess infurmat lil Fogg dwar l-oeprat tal-attur meta sehhet din il-habta pero allegazzjoni wahedha bla prova ulterjuri mhix prova izda biss suspett u suspett ma jikkostitwix prova bhal ma jikkostitwix prova elenku ta' dubji mqajma minghajr prova korroborativa li ssostniehom bhala fatt.

L-uniku fatt li s-socjeta attrici ressqet hi akkuza kontra l-attur li kkommetta frodi ta' home insurance fejn l-attur allega li insterqulu flus u oggetti mid-dar. Ghalkemm ma jirrizultax x'sehh mill-akkuza, l-attur jammetti li fil-fatt ghamel dan ir-rapport falz ghax dak iz-zmien kien qed jissepara mill-mara u ma riedx li tehodlu mill-patrimonju taz-zwieg b'pika maghha. Hu minnu li dan l-agir ma jurix affidabilita, genwinita u rgulija da part ital-attur izda dan il-fatt wahdu ma jistax jittiehed bhala prova li kull att tal-attur hu wiehed frawdolenti intiz biex jiddefrawda lil terzi, f'dan il-kaz l-assikurazzjoni. Din il-prova ghandha ssir relattivament ghal dan il-kaz sub iudice. Il-provi tal-habtiet ohra bla prova jew indizju car u inkonfratabbli ta' frodi, u kaz wiehed ta' frodi konness mill-attur ghal ragunijet ta' pika personali ma' martu mhux bizzejjed biex jikkonvinci lil Qorti illi hu probabbli li l-incident in kwistjoni kien wiehed fabbrikat bl-iskop ta' frodi. L-istess jinghad ghal prova li ibnu nstab hati ta' zewg reati f'zewg okkazzjonijiet differenti. Ma ngiebet ebda prova ta' involviment ta' iben l-attur f'din il-kolluzjoni.

Il-Qorti tqis illi ghalkemm is-socjeta assikuratrici resqet provi dwar l-attur li juru nuqqasijiet fl-imgieba tieghu pero hlief ghal kaz wiehed ta' home insurance fraud ma ngiebet ebda prova ohra tangibbli u konvincenti bizzejjed li fuq bilanc ta' probabilita tikkonvinci lil din il-Qorti illi l-attur ffabrika dan l-incident bl-iskop li jiddefrawda l-assikurazzjoni.

**Danni**

B'verbal quddiem il-Qorti a fol. 196 tal-process il-partijiet qablu li l-valur assikurat tal-vettura hu ta' €14,675. Is-surveyor tas-socjeta assikuratrici intervenuta iddikjarat li l-vettura hi beyond economical repair ghalkemm ma ghamilx stima tar-wreck value tal-vettura. Il-Qorti ghalhekk tqis illi l-attur ghandu jigi risarcit fis-somma ta' €14,675 u jirrilaxxja l-vettura lil assikurazzjoni Fogg.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici, tikkundanna lil konvenut ihallas lil attur is-somma ta' €14,675 prevja r-rilaxx tal-vettura favur l-assikurazzjoni tal-konvenut. Spejjez a karigu tal-konvenut.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur